MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2006

Numru. 700/2006

<u>Il-Pulizija</u>
<u>(spettur Stephen J Gatt)</u>
<u>vs</u>
<u>Antonio Bigeni</u>

<u>Illum 24 ta' Lulju 2006.</u>

<u>IL-QORTI</u>

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat Antonio Bigeni u persuna ohra talli fid-19 ta' Lulju 2006 gewwa l-Imsida u l-Pieta ghal habta tat-3.30am, b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) Ikkommetta reat ta' serq, liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, hin, bix-xorta tal-haga misruqa u l-valur li jammonta ghall inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Charlon Grech.

b) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' mutur tal-bahar wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema delitt huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal inqas minn elf lira maltin, hin, mezz, lok u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Alfred Mizzi f'isem Mirador Limited.

Rat l-ezami tal-imputat kif ukoll il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Lulju 2006 (fol 11 u fol 13 tal-atti).
Rat li hemm il-kunsens tal-Avukat Generali kif ukoll tal-imputat Antonio Bigeni minn fejn jidher li ma hemmx oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (fol 10 u fol 13 ibid).

Semghet lill-akkuzat Antonio Bigeni jammetti l-htija tieghu in rigward l-akkuzi in ezami.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess seduta u li bih l-istess Qorti laqghet it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex isir separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront tal-istess Antonio Bigeni.

Semghet it-trattazzjoni in rigward il-piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-istess akkuzat Antonio Bigeni hati talli fid-19 ta' Lulju 2006, ma persuna ohra, gewwa l-Imsida u l-Pieta ghal habta tat-3.30am, b'diversi atti maghmulin ukoll fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

a) Ikkommetta reat ta' serq liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, hin, bix-xorta tal-haga misruqa u l-valur li jammonta ghall inqas minn elf lira maltin ghad-dannu ta' Charlon Grech.
b) Fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ta' mutur tal-bahar wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu, liema delitt huwa

kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal inqas minn elf lira maltin, hin, mezz, lok u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta’ Alfred Mizzi f’isem Mirador Limited.

Rat l-artikoli 18, 41 (1) (a), 261 (b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 267, 269 (a), 270, 271, 278 (3), 279 (a), 280 (2), 281 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward piena, wara li l-Qorti kkunsidrat:
a) Li l-akkuzat ammetta l-htija tieghu fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri;
b) Li kif rizultanti mill-fedina penali tal-akkuzat a fol 7 tal-istess atti, l-istess Antonio Bigeni ghandu jigi kkunsidrat bhala ‘a first offender’;
c) Li fil-fatt f’dan il-kaz, ma kien hemm ebda refurtiva li ttiehdet jew li kellha tinghata lura lid-derubat.

Minhabba dak premess, il-Qorti tara li Antonio Bigeni jimmerita l-applikazzjoni tal-artikoli 7 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta billi tinhareg Ordni ta’ “Probation”.

Ghaldaqstant il-Qorti tordna li minflok il-piena, tinhareg, fil-konfront ta’ Antonio Bigeni, l-annessa Ordni ta’ “Probation” li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------